MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Numru 1100/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Nezar Almaloul**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Nezar Almaloul ta’ 22 sena, bin Mustafa u Fatima, imwieled Edlib Sirja fil-15 t’ Awwissu, 1992, residenti gewwa Blk G Flat 6, Triq Vitali

Xemxija u detentur ta' passaport ghal strangieri mahrug f' Malta bin-numru 9014354.

Akkuzat talli fl-10 ta' Novembru, 2014 u fil-jiem ta' qabel f' dawn il-gzejjer uza, jew kellu fil-pussess tieghu Passaport Sirjan falsifikat f' ismu stess bin-numru 9014354 (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Novembru 2014 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru, 2014 ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali netta u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah seba’ (7) xhur prigunerija u b’ applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ tnax (12) –il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------